MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2015

Mandat Numru. 69/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 69/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Ann Downer – 429800(L)**

***kontra***

**Sue Caruana – 285770(M)**

**Il-Qorti :**

## I. **Preliminari**

Ir-rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fil-15 ta` Jannar 2015. Mar-rikors kien prezentat dokument.

Fil-15 ta` Jannar 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimata ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 29 ta` Jannar 2015 fis-2.00 p.m.

L-intimata kienet notifikata fis-6 ta` Marzu 2015 u pprezentaw risposta bil-miktub fit-13 ta` Marzu 2015.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tas-16 ta` Marzu 2015.

Wara li d-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom, il-Qorti halliet ir-rikors ghal provvediment "*in camera*".

Dan huwa l-provvediment.

## II. **It-talba**

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni sabiex izomm lill-intimata milli :-

*Tqassam, tiddistribwixxi u tbiegh prodotti tad-ditti LCN, Andrela u Nail Perfect jew milli tippresta ruhha bhala agent ta` l-istess ditti.*

## III. <u>Il-pretensjoni tar-rikorrenti</u>

Ir-rikorrenti tikkontendi li fit-28 ta` Ottubru 2014 hija kkontrattat mal-intimata b`ishma ndaqs il-formazzjoni ta` socjeta` civili bl-isem *Beauty Inc Company* u *Beauty Inc Boutique* (Dok A). Bis-sahha ta` dak il-kuntratt, ir-rikorrenti tikkontendi illi akkwistat nofs id-drittijiet li kellha l-intimata bhala agent tad-ditti esteri *LCN, Andrela u Nail Perfect* ghas-somma ta` €70,000. Ir-rikorrenti ssostni li hija giet accettata mid-ditti esteri. Ir-rikorrenti tallega li l-intimata approprijat ruhha ghaliha personalment minn flus tas-socjeta`. Inoltre unilateralment harget mis-socjeta` u gharrfet lid-ditti esteri sabiex ma jibghatux aktar prodotti lir-rikorrenti. Skond ir-rikorrenti, tort tal-intimata hija garrbet danni ghax ma tistax tinnegozja. Illum l-intimata qeghda tipprezenta ruhha bhala agent tad-ditti esteri ad eskluzjoni tar-rikorrenti. Qeghda taghmel ukoll kuntatt ma` klijenti tas-socjeta`, tigbor flus minghandhom u zzomm il-flus hi. Inoltre l-intimata halliet dejn warajha. Skond ir-rikorrenti, il-pregudizzju li qed iggarrab huwa rrimedjabbli.

## IV. <u>Id-difiza tal-intimata</u>

L-intimata twiegeb ghall-istanza tar-rikorrenti billi tghid illi r-rikorrenti m`ghandhiex, lanqas *prima facie,* il-jeddijiet li tallega li ghandha. Issostni li mhijiex il-legittima kontradittur tar-rikorrenti ghaliex l-agent tad-ditti esteri citati mir-rikorrenti hija s-socjeta` Beauty Incorporated Limited (C34935) li

mhijiex parti fil-procediment tal-lum. L-iskrittura Dok A hija nulla ; ma tikkonferixxi l-ebda drittijiet ghaliex socjeta` civili ma tistax taghmel kummerc. Is-socjetajiet li jaghmlu kummerc huma dawk regolati bil-Kap 386. Jekk l-iskrittura Dok A sejra titqies bhala valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, l-istess kitba tafda t-tmexxija tan-negozju lill-intimata mhux lir-rikorrenti. Skond l-istess skrittura, l-intimata kellha l-obbligu specifiku li taghmel dak li r-rikorrenti tridha li ma taghmilx bil-procedura tal-lum. Jekk ir-rikorrenti qeghda tivvanta xi dritt fuq flus li gabret l-intimata minghand terzi, ir-rimedju tar-rikorrenti mhuwiex talba ghall-hrug tal-Mandat.

**V. <u>L-Art 873 tal-Kap 12</u>**

Skond **<u>l-ewwel subinciz tal-Art 873 tal-Kap 12</u>** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond **<u>it-tieni subinciz</u>** tal-istess artikolu –

*Il-Qorti **<u>m'ghandhiex</u>** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**Meqjusa <u>flimkien</u> iz-zewg subincizi, jirrizulta li sabiex jista` jinkiseb il-hrug tal-Mandat, iridu jissussistu <u>flimkien</u> dawn ir-rekwiziti :-**

1) **Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent ;**

2) **Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd ; u**

3) **Il-pregudizzju tar-rikorrent.**

**Dwar ir-rekwizit tal-jedd *prima facie***, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**Grech pro et noe vs Manfre**", qalet hekk :-

*... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

Tajjeb jinghad li l-procedura tal-Mandat hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi proceddiment bhal dak tal-lum, kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Ghall-kjarezza u ghas-skans ta` ekwivoci, fil-procedura tal-lum *mhuwiex* il-kompitu ta` din il-Qorti li tistabilixxi drittijiet ta' natura petitorja. Ir-rwol taghha, *specifikament* ghall-fini tal-procedura tal-lum, huwa ristrett u limitat, mill-kliem tal-ligi stess, u cioe` mhux li tidhol fil-mertu, izda li tistabilixxi jekk fil-kaz tal-lum jirrizultawx sodisfatti r–rekwiziti ta' l-Art 873 tal-Kap 12. U hekk ghandu jkun ghaliex hadd ma jista' jew ma ghandu jippretendi li mad-"*daqqa t'ghajn*" ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi t-tilwima ta` bejn il-partijiet bil-procedura specjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni.

**Ir-rekwizit tal-htiega li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd u r-rekwizit tal-pregudizzju** jqarrbu hafna lejn xulxin.

Bi htiega l-ligi qeghda tifhem illi jkun hemm il-bzonn tal-Mandat propju sabiex il-jedd jibqa` jissussisti.

Bi pregudizzju l-ligi mhijiex tifhem pregudizzju kwalunkwe jew ta` kull xorta izda pregudizzju tant gravi li jgib fix-xejn l-istess jedd.

Il-*punto d`incontro* taz-zewg rekwiziti huwa li l-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta` provvediment legali. (ara : 26 ta` Mejju 1995 : provvediment fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" : Kollez. Vol. LXXIX.iv.1387)

Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent **jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**.

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**ara wkoll** : il-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Borg Grech vs Gasan et noe**")

Il-Qorti tissottolinea illi l-fatt li tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal-Mandat m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta` Mandat ma tintlaqax allura l-jedd pretiz ma jezistix.

L-elementi li huma mehtiega ghall-hrug tal-Mandat huma **kumulattivi** mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat.

**VI. Risultanzi**

**Li sejra taghmel il-Qorti l-ewwel huwa li tistharreg jekk ir-rikorrenti rnexxielhiex tipprova li *prima facie* ghandha jedd li titlob il-hrug tal-Mandat.**

**Jekk, fil-fehma tal-Qorti, din il-prova ma tirrizultax, allura ma jkun hemm l-ebda raguni ghala ghandha tqis iz-zewg rekwiziti l-ohra, ladarba t-tliet elementi ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi.**

**Jekk il-prova tal-jedd *prima facie* tkun tirrizulta, allura mbaghad tghaddi ghall-accertament tar-rekwiziti l-ohra.**

Fil-kaz tal-lum, sabiex taccerta s-sussistenza ta` jedd *prima facie,* bla ma taghmel indagni petitorja, il-Qorti trid ta` bilfors tirreferi ghall-ftehim tat-28 ta` Ottubru 2014 (Dok A) li fuqu r-rikorrenti qeghda tibbaza l-lanjanza taghha.

Il-Qorti tistqarr mill-ewwel illi l-id li kitbet dak il-ftehim ma kenitx id mharrga fid-dritt ghaliex li kieku hekk kien il-kaz dak li riedu jiftehmu dwaru l-partijiet kien ikun espress ferm u ferm ahjar milli fil-fatt jidher miktub.

Skond il-ftehim (Dok A), il-kontraenti kienu l-kontendenti *de proprio.*

L-intimata taccetta li r-rikorrenti harget is-somma ta` €70,000.

Il-ftehim jimplika li r-rikorrenti harget dawk il-flus sabiex issir siehba indaqs *on Beauty Inc Company and the Beauty Inc Boutique including 50% in LCN, Andreia and Nail Perfect* (id-dicitura tal-ftehim).

Fir-rikors promotur, ir-rikorrenti tikkwalifika l-esbors taghha tas-€70,000 versu l-formazzjoni ta` socjeta` civili fuq bazi paritarja mal-intimata *including 50% in LCN, Andreia and Nail Perfect* (id-dicitura tal-ftehim). Il-ftehim jaccenna ghall-modalita` ta` kif kellha tithaddem is-socjeta`. Issa jekk is-socjeta` li kellha tkun iffurmata kenitx sejra tkun civili jew kummercjali, bl-effetti legali li d-distinzjoni bejn it-tnejn iggib maghha, mhuwiex kompitu ta` din il-Qorti li tistabilixxi fl-ambitu ta` procediment ta` din ix-xorta. Li zgur ighid il-ftehim huwa li *an appointment is to be made with a notary to make this agreement binding* (dicitura tal-ftehim).

Ir-rikorrenti taccetta li s-socjeta` kummercjali Beauty Incorporated Limited hija s-*sole distributor in Malta for brands : LCN, Nail Perfect and Andreia gel polish.* Skond il-ftehim, dik il-kumpannija kellha tibqa` operattiva sa Dicembru 2015 ; in segwitu, kellha tigi xjolta u ssir is-socjeta` bejn il-kontendenti. Il-ftehim jirreferi ghal *partnership.*

Bhala fatt, Beauty Incorporated Limited mhijiex parti kontraenti ghall-ftehim ; lanqas ma hija parti fil-procediment tal-lum. Tistax tigi xjolta dik il-kumpannija semplicement bhala effett tal-ftehim tat-28 ta` Ottubru 2014 mhijiex materja li tispetta lil din il-Qorti li tistabilixxi fi procediment bhal dak tal-lum.

Jirrizulta li Beauty Incorporated Limited titmexxa mill-intimata. Skond il- ftehim jirrizulta li sa Dicembru 2015 Beauty Incorporated Limited kellha tibqa` topera inkluz li tibqa` tagixxi bhala *sole distributor.* Skond il-ftehim mhuwiex daqstant car jekk l-*status* ta` *sole distributor* b`effett mill-1 ta` Jannar 2016 kienx sejjer ighaddi mill-kumpannija lill-*partnership* li l-partijiet kienu sejrin jiffurmaw, ghalkemm il-ftehim isemmi *50% in LCN, Andreia and Nail Perfect* (dicitura tal-ftehim). Jinghad dan ghaliex kwistjoni bhal dik timplika accettazzjoni cara u inekwivoka da parti tas-sidien esteri tad-diversi *brands.*

Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti illi r-rikorrenti m`ghandha l-ebda jedd *prima facie* li titlob il-hrug tal-Mandat sabiex l-intimata tinzamm milli *tqassam, tiddistribwixxi u tbiegh prodotti tad-ditti LCN, Andrela u Nail Perfect jew milli tippresta ruhha bhala agent ta` l-istess ditti* propju ghaliex certament sa Dicembru 2015, fejn si tratta tal-prodotti menzjonati, jispetta lil Beauty Incorporated Limited li taghmel in-negozju taghhom. Jekk ir-rapprezentant tal-kumpannija hija l-intimata, fatt li ma jidhirx li huwa kontestat, ir-rikorrenti ma tistax illum izzomm lill-intimata milli tagixxi ghall-kumpannija fit-twettieq tan-negozju taghha. Jekk ir-rikorrenti, ghar-ragunijiet li accennat ghalihom fir-rikors promotur, jidhrilha li l-intimata *de proprio* kienet inadempjenti fil-konfront taghha abbazi tal-ftehim tat-28 ta` Ottubru 2014, allura tista` tmur ghal azzjoni ghal danni. Pero` sabiex tikkawtela jedd ghal danni li tippretendi li ghandha, ir-rikorrenti ma tistax tirrikorri ghall-procedura **eccezzjonali** bhal ma hija dik tal-lum.

**Ladarba huwa karenti r-rekwizit tal-prova tad-dritt *prima facie*, ma hemmx ghalfejn li l-Qorti tghaddi ghall-konsiderazzjoni tar-rekwiziti l-ohra. Il-Qorti tinsisti illi r-rekwiziti huma stretti u l-Qorti (*m`ghandhiex*) hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti. Mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog.**

**Għar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qegħda taqta` u tiddeċiedi billi filwaqt li tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-15 ta` Jannar 2015 safejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament, tiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat. Tordna li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jithallsu mir-rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------